MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 1127/2008

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Tommy Hilfiger Europe B.V.**

**vs**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b'digriet tat-23 ta' Marzu 2009 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta` esportatrici BEIJING J.N.T. WORLD TRADE CO. LTD u lill-kunsinjatarju BOUCHTA ROUH.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta’ estera Tommy Hilfiger Europe B.V. datat 10 ta’ Novembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Tommy Hilfiger Europe B.V. ta’ Stadhouderskade 6, 1054 ES Amsterdam, The Netherlands, sabiex jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom;

Illi s-socjeta` rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs*, mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: il-kelma **‘TOMMY HIILFIGER’**, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-sittax (16) ta’ Ottubru 1998 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 000131631 (Dok. “TH 1” u Dok. “TH2”).

Illi fl-erbatax (14) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) r-rikorrenti *nomine* gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru IPXU 3009465 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM VERLAINE liema vapur kien gej minn Chiwan, Cina fi triqtu lejn Casablanca, Maroc u l-*container* kien fih total ta’ elf u mitejn (1,200) pari kalzetti (Dok “TH 3”) kollha bil-marka ‘Tommy Helen’, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intellewali;

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* u wara li l-istess gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta’ Tommy Hilfiger gewwa l-Amsterdam, fejn gie determinat li l-kalzetti huma oggetti falsifikati *ai termini* tal-**artikolu 4 tal-Kap 414** *in vista* tal-fatt li l-marka TOMMY HELEN hija hafna simili u li ghalhekk ma tistax tigi distinta fl-aspetti essenzjali taghha mit-*trademark* registrata TOMMY HILFIGER; u ghar-ragunijiet l-ohra kif ser jigi rappurtat mill-esperti tal-istess attur *nomine*, liema rapport huwa anness u mmarkat bhala Dok.  “TH4” u li minhabba r-

ragunijiet msemmija l-istess kalzetti joholqu probabbilta` qawwija ta' konfuzjoni min-naha tal-pubbliku u jikkontravjenu t-*trademark* registrat Tommy Hilfiger *ai termini* tal-**artikolu 10 (2) tal-Kap 416** u gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Tommy Hilfiger, u li l-imsemmija *trademarks* ta' Tommy Hilfiger riprodotti fuq l-istess kalzetti kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali ta' Tommy Hilfiger;

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta (Dok "TH 5") sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa` din-it-talba li jinzammu dawn l-kalzetti;

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa Bouchta Rouh minn Fes, Maroc u dan skont dak citat fil-polza ta' taghbija numru SZ1455592 (Dok. "TH6");

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll ta' l-**artikolu 10(2)(b) tal-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap 416)** u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 14-19** tal-istess **Kap 416 u l-artikoli 7** u **8** tal-istess **Kap 414**;

Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'elf u mitejn (1,200) pari kalzetti imsemmija li fuqhom hemm l-marka 'Tommy Helen', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-

Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru IPXU 3009465 kontenenti l-imsemmija kalzetti, huma kontrafatti u b'hekk jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'TOMMY HILFIGER' moghtija n-numru ta' registrazzjoni CTM 000131631 (Dok. "TH1" u "TH2") ;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali kalzetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-kalzetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija kalzetti ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni nkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess kalzetti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 3 u 4) flimkien ma' sitt dokumenti (6) li huma esebiti u mmarkati minn Dok. "TH 1" sa Dok. "TH 6" kif jidhru a fol. 5 sa fol. 13 tal-process.

Rat id-digriet datat 23 ta' Marzu 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita' intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-12 ta' Mejju 2009, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 17 ta' April 2009 (fol. 34) fejn eccepew-

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'stadju ulterjuri.

Salv risposta ulterjuri.

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess kuraturi a fol. 34 tal-process.

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. Peter Fenech *nomine* datata 24 ta' April 2009 a fol. 36 tal-process li biha esebixxa l-affidavit tieghu (Dok. "TH 7") u l-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. "TH 8"),

Rat in-nota tal-kuraturi deputati datata 7 ta' Mejju 2009 a fol. 41 tal-process li biha pprezenta l-affidavit tieghu (Dok. "MB").

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' Mejju 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-20 ta' Mejju 2009.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-10 ta' Ottubru 2008 ufficjali tad-dwana ezaminaw il-kontenut tal-kontejner IPXU 3009465 li inhatt fil-Port Hieles ta' Marsaxlokk fis-7 ta' Ottubru 2008, u fih sabu kwantita' ta' kalzetti bil-marka ta' 'TOMMY HILFIGER' li kien hemm suspett dwarhom li kienu foloz, u fil-fatt gew mizmuma mill-Awtoritajiet kompetenti sabiex isiru ezamijiet ulterjuri fuqhom; giet informata s-socjeta' attrici bhala proprjetarja tal-istess marka, u minn ezamijiet li saru fuq il-kampjuni elevati

nstab li fil-fatt tali oggetti konsistenti f'1,200 par kalzetti bil-marka ndikata ta' 'TOMMY HILFIGER' kienu fil-fatt kontrafatti. Dan jinsab kollu kkonfermat mix-xhieda tal-ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. "TH8") u mid-dokumenti kollha esebiti. Fil-fatt jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew lkoll ippruvati u lanqas ma huma b'xi mod kontestati u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 17 ta' April 2009 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan ili:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'elf u mitejn (1,200) par kalzetti imsemmija li fuqhom hemm il-marka 'Tommy Helen', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru IPXU 3009465 kontenenti l-imsemmija kalzetti, huma kontrafatti u b'hekk jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'TOMMY HILFIGER' moghtija n-numru ta' registrazzjoni CTM 000131631 (Dok. "TH1" u "TH2") ;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jiddistruggi dawk l-kalzetti fuq indikati, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija kalzetti ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni nkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess kalzetti.

Bl-ispejjez kontra l-entitajiet/socjetajiet intimati b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------